

Brussell, 20 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9176/25

MAMA 100
SY 5
CORLX 492

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Is-Sirja: Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar it-tneħħija tas-sanzjonijiet ekonomiċi tal-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar it-tneħħija tas-sanzjonijiet ekonomiċi tal-UE kontra s-Sirja, approvata mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2025.

Is-Sirja: Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar it-tneħħija tas-sanzjonijiet ekonomiċi tal-UE

Għal dawn l-aħħar 14-il sena, l-UE dejjem waqfet mal-poplu Sirjan, billi kienet involuta fit-tfittxija għal soluzzjoni politika u mexxiet l-għajnuna finanzjarja. L-UE adottat ukoll sanzjonijiet kontra r-reġim kriminali ta' Assad.

Wara l-waqgħa tar-reġim ta' Assad, l-UE adottat approċċ gradwali u riversibbli, sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni tas-Sirja u l-irkupru ekonomiku tagħha. Fi Frar, l-UE ssospendiet xi wħud mis-sanzjonijiet ekonomiċi.

F'konformità ma' dan l-approċċ, l-UE ħabbret id-deċiżjoni politika li tneħħi s-sanzjonijiet ekonomiċi tagħha fuq is-Sirja. Dan hu l-mument li fih il-poplu Sirjan għandu l-opportunità li jerġa' jingħaqad u jibni mill-ġdid Sirja ġdida, inklużiva, pluralistika u paċifika, ħielsa mill-interferenza barranija dannuża.

L-UE ser iżżomm is-sanzjonijiet marbuta mar-reġim ta' Assad f'konformità mal-appell tagħha għall-irfigħ tar-responsabbiltà, u s-sanzjonijiet abbażi ta' raġunijiet ta' sigurtà, inkluż armi u teknoloġija li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna. Barra minn hekk, l-UE ser tintroduċi miżuri restrittivi mmirati addizzjonali kontra dawk li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u dawk li jħeġġu l-instabbiltà fis-Sirja.

L-UE ser iżżomm id-djalogu mal-gvern tranżizzjonali fir-rigward tal-passi li jieħu biex jilħaq l-aspirazzjonijiet u jissalvagwarda d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-poplu Sirjan kollu, mingħajr distinzjoni. L-UE ser tibqa' timmonitorja l-iżviluppi fuq il-post, inkluż il-progress fuq l-irfigħ tar-responsabbiltà fir-rigward tal-vjolenza li faqqgħet dan l-aħħar, kif ukoll l-effetti tad-deċiżjoni tal-lum, anke bil-ħsieb tal-laqgħat li jmiss tal-Kunsill Affarijiet Barranin. Il-Kunsill ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni tal-miżuri restrittivi u s-sanzjonijiet fil-kuntest tas-Sirja.

L-UE żżomm l-impenn tagħha u għandha l-intenzjoni li taqdi rwol ewlieni fl-irkupru fi żmien qasir u fir-rikostruzzjoni futura tas-Sirja skont l-iżviluppi fuq il-post.